MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 731/2008

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Micallef)

vs

Alfred Zahra

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 579677(M) akkuzat talli:

1. nhar id-9 ta’ Lulju 2008, ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija, waqt li kien fi Pjazza Antoine de Paule Rahal Gdid, ikkommetta serq ta’ hand bag kontenenti diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti u mobile phone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u tlieta w sebghin centezmu

(€2,329.37c); kif ukoll bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Maria Anne Cronshaw u/jew ta' persuni ohra;
2. kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitlu 446 li kien impost fuqu permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-7 ta' Jannar 2007;
3. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 b'diversi sentenzi mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat f'din l-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jirrigwardaw is-serq kwalifikat bil-valur u l-hin. Jinsab ukoll akkuzat li kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u li hu recidiv.
Ghal dawn l-akkuzi l-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata.

Rat l-Artikolu 261 (c) (f), 267, 270, 279(1), 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446. Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mil-lum u tikkundannah ukoll li jirrestitwixxi € 375 lid-derubata Maria Anne Cronshaw.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsailtajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------